31997L0047

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 97/47/KE

tat-28 ta' Lulju 1997

li temenda l-Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 77/101/KEE, 79/373/KEE u 91/357/KEE

(Test b'relevanza ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/101/KEE tat-23 ta' Novembru 1976 dwar it-tqegħid fis-suq ta' għalf mhux imħallat [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 90/654/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar it-tqegħid fis-suq ta' għalf mhux imħallat [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 96/24/KEE [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 (e) tagħha,

Billi każi ta' enċifalopatija sponġiformi ta' l-annimali tal-fart (BSE) ġew irrapportati f'xi Stati Membri; billi *scrapie* hija wkoll magħrufa li teżisti f'xi Stati Membri; billi l-aġenti tal-BSE u scrapie jistgħu jkunu trasmessi permezz tal-ħalq;

Billi l-BSE f'annimali tal-fart hija meqjusa li toriġina mill-użu fl-għalf ta' proteini minn annimali li jixtarru, li jikkostitwixxu mezz għat-trasmissjoni ta' aġenti ta' enċifalopatija sponġiformi u mhux ittrattati effettivament biex dawk l-aġenti jiġu inattivati;

Billi, biex l-annimali li jixtarru jiġu protetti minn riskji tas-saħħa li jinħolqu mill-fatt li l-metodi għall-ittrattar tal-proteini mhux dejjem jassigura li l-aġenti jiġu totalment inattivati, il-Kummissjoni adottatat id-Deċiżjoni 94/381/KE tas-27 ta' Ġunju 1994 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' enċifalopatija sponġiformi ta' l-annimali tal-fart u t-tmigħ ta' proteina miksuba mill-mammiferi [5], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 95/60/KE [6]; billi dak l-istrument jipprojbixxi t-tmigħ lill-annimali li jixtarru ta' proteina miksuba minn ċelluli mammiferi waqt li jipprovdi li l-istess prodotti għandhom jiġu eżentati minħabba li ma jippreżentaw l-ebda riskju ta' saħħa;

Billi, minħabba r-riskji ta' saħħa assoċjati mat-tmigħ ta' għalf li jkun fih proteina infettata miksuba minn ċelluli mammiferi lill-annimali li jixtarru u l-fatt li t-trasmissjoni tal-marda lejn il-bniedem ma tistax tiġi eliminata, il-Kunsill iddeċieda fil-laqgħa tiegħu ta' mill-1 sat-3 ta' April 1996 li jadotta miżuri addizzjonali biex jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimal;

Billi, għal raġunijiet prattiċi u minħabba l-konsistenza legali, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/274/KE ta' l-10 ta' Lulju 1995 li temenda d-Deċiżjoni 91/516/KEE li tistabbilixxi lista ta' ingredjenti li l-użu tagħhom huwa pprojbit f'għalf kompost [7] tipprojbixxi l-użu ta' proteini miksuba minn ċelluli mammiferi f'għalf kompost għall-annimali li jixtarru;

Billi d-Direttivi 77/101/KEE u 79/373/KEE jipprovdu regoli speċifiċi u ġenerali għat-tqegħid fis-suq u t-tikkettjar ta' għalf mhux imħallat u dak kompost; billi, biex jiġi evitat li dawk li jużaw l-għalf li fih proteini miksuba minn ċerti ċelluli ta' mammiferi li jiġi mitmugħ lill-annimali li jixtarru minħabba injoranza tar-regoli preżenti dwar l-għalf u dawk veterinarji, it-tikkettjar kif imiss ta' dak l-għalf għandu jiġbed l-attenzjoni tal-projbizzjoni ta' l-użu tiegħu bħala ikel għall-annimali li jixtarru; billi d-Direttiva 77/101/KEE għandha tkun imħassra bid-Direttiva tal-Kunsill 96/25/KE [8] dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' materjali ta' l-għalf, u miżuri simili għandhom ukoll ikunu stabbiliti fid-Direttiva 96/25/KE;

Billi d-disposizzjonijiet stabbiliti għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-aktar iebsa li l-Istati Membri setgħu adottaw kif permissibbli bl-Artikolu 1 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/667/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 li tistabbilixxi r-regoli veterinarji għad-disponiment u l-ipproċessar ta' skart ta' l-annimali, għat-tqegħid tiegħu fis-suq u għall-prevenzjoni ta' patoġeni f'għalf ta' oriġini mill-annimal jew mill-ħut u li temenda d-Direttiva 90/425/KEE [9];

Billi l-Istati Membri li japplikaw projbizzjonijiet aktar stretti għandhom jaddattaw id-disposizzjonijiet dwar l-ittikkettjar bi qbil mal-projbizzjonijiet applikabbli f'dawk l-Istati Membri;

---

[1] ĠU Nru L 32, tat-3. 2. 1977, pġ. 1.
[2] ĠU Nru L 353, tas-17. 12. 1990, pġ. 48.
[3] ĠU Nru L 86, tas-6. 4. 1979, pġ. 30.
[4] ĠU Nru L 125, tat-23. 5. 1996, pġ. 33.
[5] ĠU Nru L 172, tas-7. 7. 1994, pġ. 23.
[6] ĠU Nru L 55, tal-11. 3. 1995, pġ. 43.
[7] ĠU Nru L 167, tat-18. 7. 1995, pġ. 24.
[8] ĠU Nru L 125, tat-23. 5. 1996, pġ. 35.
[9] ĠU Nru L 363, tas-27. 12. 1990, pġ. 51.

Billi l-kategoriji ta' l-ingredjenti elenkati fid-Direttiva tal-Kummissjoni 91/357/KEE tat-13 ta' Ġunju 1991 li tistabbilixxi l-kategoriji ta' l-ingredjenti li jistgħu jintużaw għall-iskopijiet tat-tikkettjar ta' għalf kompost għall-annimali ħlief għall-annimali tad-delizzju [1] jippermettu li diversi ingredjenti jiġu raggruppati taħt deskrizzjoni komuni; billi, b'dana kollu, raħħala li jrabbu l-bhejjem għandhom ikollhom tagħrif eżatt u siewi dwar għalf kompost li jkun fih ingredjenti li jkun fihom proteini miksuba minn ċelluli tal-mammiferi; billi l-kategorija prodotti mill-annimali ta' l-art li tagħmel sehem minn dak il-grupp ta' ingredjenti għandha għalhekk titħassar mill-ittikkettjar ta' għalf kompost; billi b'konsegwenza, il-produtturi ta' l-għalf għandhom jagħtu deskrizzjoni eżatta ta' l-ingredjenti koperti b'dik il-kategorija minħabba li ma jidħlux aktar fil-kategoriji stabbiliti fl-Anness tad-Direttiva 91/357/KEE;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Għalf,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni 94/381/KE.

Artikolu 2

Emenda għad-Direttiva 77/101/KEE

Il-punt li ġej għandu jiżdied mat-Taqsima A ta' l-Anness tad-Direttiva 77/101/KEE:

"3. It-tikkettjar ta' l-għalf mhux imħallat li jkun fih proteini miksuba miċ-ċelluli ta' mammiferi.

3.1. It-tikkettjar ta' l-għalf mhux imħallat li jkun fih proteini miksuba miċ-ċelluli ta' mammiferi għandu jkun fih id-dikjarazzjoni li ġejja: Dan l-għalf mhux imħallat fih proteini miksuba minn ċelluli ta' mammiferi u t-tmigħ tiegħu lill-annimali li jixtarru huwa pprojbit.

Dan ma japplikax għal:

— ħalib u prodotti tal-ħalib,

— ġelatina,

— aċidi amino miksuba minn ġlud bi proċess li jinvolvi l-esponiment tal-materjal għal pH ta' 1 sa 2 segwit b'pH ta' > 11, segwit bi trattament tas-sħana f'140 °C għal 30 minuti fi 3 bars,

— *dicalcium phosphate* miksub minn għadam bix-xaħam imneħħi, u

— plasma niexfa u prodotti oħra mid-demm.

3.2. Meta l-Istat Membru jipprojbixxi l-użu ta' proteini miksuba minn ċelluli ta' mammiferi kif hemm referenza dwaru fit-3.1, l-ewwel sentenza, f'għalf għal ċerti annimali apparti minn annimali li jixtarru kif permissibli bl-Artikolu 1 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/667/KEE (*), id-dikjarazzjoni meħtieġa fit-3.1 għandha b'żieda ssemmi l-ispeċi l-oħra jew il-kategoriji ta' annimali li għalihom ikun estenda l-projbizzjoni ta' l-użu tal-prodotti f'dak il-każ.

(*) ĠU Nru L 363, tas-27. 12. 1990, pġ. 51."

Artikolu 3

Emenda għad-Direttiva 79/373/KEE

Il-punt li ġej huwa b'dan miżjud mal-Parti A ta' l-Anness tad-Direttiva 79/373/KEE:

"7. It-tikkettjar ta' għalf kompost li jkun fih porteini miksuba miċ-ċelluli ta' mammiferi.

7.1. It-tikkettjar ta' għalf kompost li jkun fih proteini miksuba miċ-ċelluli ta' mammiferi u maħsub għall-annimali apparti milli l-annimali tad-delizzju għandu jkun fih id-dikjarazzjoni li ġejja: Dan l-għalf kompost fih proteini miksuba minn ċelluli ta' mammiferi u t-tmigħ tiegħu lill-annimali li jixtarru huwa pprojbit.

Dan ma japplikax għall-għalf kompost li ma jkun fih l-ebda proteini miksuba minn ċelluli ta' mammiferi apparti għal dawn li ġejjin:

— ħalib u prodotti tal-ħalib,

— ġelatin,

— aċidi amino miksuba minn ġlud bi proċess li jinvolvi l-esponiment tal-materjal għal pH ta' 1 sa 2 segwit b'pH ta' > 11, segwit bi trattament tas-sħana f'140 °C għal 30 minuti fi 3 bars,

— *dicalcium phosphate* miksub minn għadam bix-xaħam imneħħi, u

— plasma niexfa u prodotti oħra mid-demm.

7.2. Meta Stat Membru jipprojbixxi l-użu ta' proteini miksuba minn ċelluli ta' mammiferi li hemm referenza dwarhom fis-7.1, l-ewwel sentenza, f'għalf għal ċerti annimali apparti milli għall-annimali li jixtarru kif permissibli bl-Artikolu 1 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/667/KEE (*), id-dikjarazzjoni meħtieġa fis-7.1 għandha b'żieda ssemmi l-ispeċi l-oħra jew il-kategoriji ta' annimali li dwarhom ikun estenda l-projbizzjoni ta' l-użu tal-prodotti f'dak il-każ.

(*) ĠU Nru L 363, tas-27. 12. 1990, pġ. 51."

[1] ĠU Nru L 193, tas-17. 7. 1991, pġ. 34.

Artikolu 4

Emenda għad-Direttiva 91/357/KEE

L-Anness tad-Direttiva 91/357/KE huwa b'dan emendat kif ġej:

1. Il-Kategorija 12 "Prodotti ta' l-annimali ta' l-art" hija mħassra;
2. fil-kolonna 1, in-numri "13", "14", "15" u "16" huma mibdula bi "12", "13", "14" u "15" rispettivament.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 1997 il-liġijiet, ir-regolament u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'dik ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lejn il-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-kamp kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 6

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 7

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-28 ta' Lulju 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni